MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Numru 1165/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**JAMES FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Fenech, ta’ 31 sena, bin Paul u Carmen nee’ Camilleri, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-30 ta’ Ottubru, 1975, residenti fil-fond numru 156, Triq il-Wied, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 518575 (M);

Akkuzat talli nhar is-17 ta’ Ottubru, 2006 u fiz-zminijiet ta’ qabel f’Hal-Qormi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

1. Fil-kariga tieghu ta’ ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika, impjegat tal-Gvern, jew mal-Gvern b’abbuz ta’ awtorita’, sew jekk kellu, u kemm jekk ma kellux jhedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga hlas li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi;

2. U kif ukoll talli fil-kariga tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew wieghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jhedd, barra milli accetta l-hlas, il-wieghda jew l-offerta, naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imsemmi mputat James Fenech ghat-tieni (2) akkuza, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat li l-ewwel (1) akkuza hija assorbija fit-tieni (2);

Wara li rat l-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L- Artikolu 113 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 115(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni ssib lill-imputat James Fenech hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax(18)-il xahar, sospizi ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Inoltre tornda l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat, ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------